KUNSILL TA' L-UNJONI EWROPEA

Brussell, 17 ta' Jannar 2008 (29.01)
(OR. en,ro)

5178/08

CRIMORG 8
ENFOPOL 8
COMIX 15
ENFOCUSTOM 9

**NOTA TA' TIFSIR**

| | |
|---|---|
| Minn: | Is-Sur Adrian CIOCĂNEA, Segretarju ta' l-Istat, Dipartiment ta' l-Affarijiet Ewropej, Gvern tar-Rumanija |
| Datat: | 18 ta' Diċembru 2007 |
| Lil: | Is-Sur Ivan BIZJAK, Direttur-Ġenerali, DG H, Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill ta' l-Unjoni Ewropea |
| Nru dok. preċ.: | 14258/07 CRIMORG 159 ENFOPOL 176 COMIX 915 ENFOCUSTOM 104 |
| Suġġett: | Implimentazzjoni tad-Deċiżjoni Kwadru tal-Kunsill 2006/960/ĠAI tat-18 ta' Diċembru 2006 dwar is-simplifikazzjoni ta' l-iskambju ta' informazzjoni u intelligence bejn l-awtoritajiet ta' l-infurzar tal-liġi ta' l-Istati Membri ta' l-Unjoni Ewropea<br>- Dikjarazzjoni mir-Rumanija taħt l-Artikoli 2(a) u 6(1) |

Sinjur,

Sabiex ikun hemm konformità mad-dispożizzjonijiet tad-Deċiżjoni Kwadru 960/2006 dwar is-semplifikazzjoni ta' l-iskambju ta' informazzjoni bejn l-awtoritajiet ta' l-infurzar tal-liġi ta' l-Istati Membri ta' l-Unjoni Ewropea (ĠU L 386, 29.12.2006, p.89; corrigendum ĠU L 75, 15.3.2007, p.26) nixtiequ nagħmlu d-dikjarazzjoni li ġejja:

**L-awtorità kompetenti ta' l-infurzar tal-liġi kompetenti fir-Rumanija** fit-tifsira tad-dispożizzjonijiet ta' l-Artikolu 2(a) tad-Deċiżjoni Qafas 960/2006 hija l-**Ministeru ta' l-Affarijiet Interni u r-Riforma Amministrattiva**, li jinkludi l-Pulizija, il-Pulizija tal-Fruntiera, il-Ġendarmerija, u ċ-Ċentru Internazzjonali għall-Kooperazzjoni tal-Pulizija bħala strutturi li jiġbru u jipproċessaw l-informazzjoni u intelligence fit-tifsira tad-Deċiżjoni Kwadru;

Skond l-Artikolu 6(1) tad-Deċiżjoni Kwadru 960/2006, **il-kuntatt nazzjonali nominat għall-iskambju ta' informazzjoni tal-pulizija u intelligence huwa**, f'konformità mad-dispożizzjonijiet tal-leġislazzjoni nazzjonali - *Ordinanza tal-Gvern dwar l-Emerġenza Nru 103/2006 dwar miżuri biex tkun iffaċilitata l-kooperazzjoni internazzjonali tal-pulizija, irratifikata bil-Liġi Nru 104/2007, Monitorul Oficial* [Gazzetta Uffiċjali] Nru 275/25.04.2007:

Centrul de Cooperare Polițienească Internațională
(International Police Cooperation Centre)
Calea 13 Septembrie 1-5, Palatul Parlamentului, etaj IX
sector 5, C.P. 70117, Bucureşti, România
posta elettronika: ccpi@mira.gov.ro
Tel: +40 21.316.07.32/ +40 21.314.05.40
Faks: +40 21.312.36.00/ +40 21.314.12.66.

Rigward il-ftehim bilaterali u multilaterali jew arranġamenti fis-seħħ, fit-tifsira ta' l-Artikolu 12(3) tad-Deċiżjoni Kwadru 960/2006, analiżi ta' tali ftehim ma żvelat l-ebda dokumenti ta' kooperazzjoni ma' l-Istati Membri li huma f'kunflitt mad-dispożizzjonijiet tad-Deċiżjoni Kwadru 960/2006. [1]

Skond id-dispożizzjonijiet ta' l-Artikolu 12(6), qed nehmżu lista ta' arranġamenti li jeżistu attwalment u li ser ikomplu japplikaw.[2]

(Formula ta' għeluq)

(firma) Adrian CIOCĂNEA

[1] Ara 5178/08 ADD 1 CRIMORG 8 ENFOPOL 8 COMIX 15 ENFOCUSTOM 9.
[2] Ara 5178/08 ADD 1 CRIMORG 8 ENFOPOL 8 COMIX 15 ENFOCUSTOM 9.